**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Ottubru,. 2015

Rikors Nru : 299/15 AL

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet:

Illi l-partijiet kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar id-9 ta' Novembru 1985;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-attti tan-Nutar Peter Carbonaro datat 21 ta' Jannar 1991, liema kuntratt ser ikun esebit aktar 'il quddiem;

Illi dan il-kuntratt sar wara li kienet inizzjata procedura permezz tar-rikors numru 1602/1990, quddiem, dak iz-zmien, is-Sekond'Awla. Dan ir-rikors kien appuntat ghat-28 ta' Novembru 1990, u differit ghall-21 ta' Jannar 1991, f'liema seduta, il-partijiet pprezentaw il-kuntratt imsemmi;

Illi ta' dan il-kuntratt ma hemmx kopja fl-atti tal-Qorti u ghal din ir-raguni, l-esponenti ser tipprezenta kopja awtentika ta' dan il-kuntratt aktar 'il quddiem;

Illi minn dakinhar tas-separazzjoni legali taghhom ghaddew erbgha u ghoxrin sena (24);

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli li ssir rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet kellhom tifel li jismu JDillum maggorenni;

Illi ma hemm ebda kwistjoni pendenti rigwardanti manteniment;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn l-partijiet, kif ukoll tornda lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Lulju, 2015;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Jannar 1991 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur